**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 25 ta' Frar 2021

Rikors Numru: 45/2016 AL

**A B**

**vs**

**C B nee D,**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku, u**

**Dr Fransina Abela u l-PL Mario Mifsud Bonnici li b'Digriet tat-3 ta' Marzu 2016 ġew nominati bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri E B u F G B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur,[1] li permezz tiegħu ppremetta:

*A. Dikjarazzjoni tal-Fatti*

1. *Illi r-rikorrent w l-intimata C B nee' D zzewgu f'Malta fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elf disa mija u sitta w disghin (1996). (Dok A).*

2. *Illi r-rikorrent u l-intimata C B nee' D sseparaw miinn xulxin de facto ghal aktar minn sbatax il-sena, minn dak iz-zmien 'l hawn qatt aktar ma regghu raw lil xulxin.*

3. *Illi dan kollu diga gie konfermat fil-kawza ghall-kisba tad-divorzju bejn il-kontendenti w li a bazi talistess fatti dina l-Onorabbli Qorti pprununzjat il-hall tazzwieg bejn il-konjugi B permezz ta' sentenza datata 16 ta' April 2015, (Dok. B).*

4. *Illi sussegwentament ghas-separazzjoni de facto fuq medda ta' snin twal, il-intimata C B nee' D welldet tarbija nhar it-8 ta' Ottubru 2012 minn missier mhux maghruf u semmietha E, u welldet tarbija ohra nhar 12 ta' Ottubru 2006 minn missier mhux maghruf u semmietha F G.*

5. *Illi peress illi l-intimata C B nee' D kienet ghadha mizzewga lir-rikorrent, it-trabi E u F G gew irregistrati fuq l-att tat-twelid taghhom bhala wlied ir-rikorrent. (Dok A u A1).*

6. *Illi mill-Att tat-Twelid tal-minuri ta' E B jirrizulta wkoll illi l-intimata, fil-mument ta' registrazzjoni taghha mad-Dirttur tar-Registru Pubbliku, anqas biss kienet taf f'liema lokalita' l-esponent kien qed jabita w anqas kienet taf jekk missier l-esponent kienx ghadu haj jew mejjet, (ara Dok A). Dina ukoll hija ndikazzjoni carissima illi l-intimata C Taranchino kien ilha zmien twil separata 'de facto' mill-esponent u qatghet il-kuntatti mieghu ghal dejjem.*

7. *Illi r-rikorrent jichad illi l-minuri E u F G huma wliedu biologkament, stante l-impossibilita' illi l-imsemmia trabi gew koncepiti minnu flimkien mal-intimata u dana peress illi huwa u l-intimata kien ilhom separati de facto minn xulxin ghal aktar minn sbatax (17) il-sena u matul liema*

[1] Fol. 1 – 8.

*perjodu qatt aktar ma raw lil xulxin, u ana kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza w occorrendo permezz ta' testijiet genetici appoziti jekk ikun il-kaz.*

8. *Illi noltre' r-rikorrent qatt ma ra lil minuri w qatt ma ntalab huwa nnifsu li jirrikonoxxi w jgharaf lill-minuri E u F G bhala wliedu w gew registrati fuq ismu minghajr il-kunsens tieghu w minghajr anqas biss kien jaf.*

9. *Illi ir-rikorrent l-ewwel darba li sar jaf bit-twelid tat-tarbija kien propju meta nharget 'Ordni ghall-Harsien' tal-minuri mill-Ministru ghall-Harsien Socjali u f'liema procedure r-rikorrent ntalab jikkontesta l-ordni provizjorja kemm l-darba kellu interess.*

10. *Illi r-rikorrent qatt ma kkontesta l-Ordni ghall-Harsien mahruga mill-Ministru ghall-Harsien Socjali u dana peress illi huwa qatt ma kellu nteress fil-minur peress illi hija ma hiex bintu w qatt ma kellu konnessjoni naghha b'xi mod.*

*B. Raguni ghat-Talbiet f'dawn il-proceduri*

*Illi rikorrent diga cahad li l-imsemmija minuri E u F G huma wliedu u jixtieq illi l-istess minuri ma jibqux rregistrati fuq ismu.*

*C. Talbiet Attrici*

*Ghaldaqstant l-esponenti, in vista ta' dak kollu fuq premess, jitlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Fl-ewwel lok tiddikjara li r-rikorrenti ma huwiex il-missier naturali tal-minuri E B u F G B, occorrendo b'ghajnuna ta' testijiet genetici apposta.*

2. *Tawtorizza l-korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid tal-minuri E B li jgib n-numru hamest elef, tlett mija u disa u disghin tas-sena elfejn u tnax (5399/2012) u fl-Att tat-Twelid tal-minuri F G B li jgib in-numru tlieta, tlieta, seba, disa tas-sena elfejn u sitta (3379/2006) billi tordna lill-intimat direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghnel i-korrezzjonijiet mehtiega kif gej: u cioe' mill-kolonna li tirrapprezenta isem u kunjom il-missier, jikkancella l-kliem 'A B' u jkun sostitwit bil-kliem 'Missier mhux Maghruf'.*

3. *Taghti dak l-ordinijiet kollha mehtiega u opportuni fic-cirkostanzi sabiex kunjom il-minuri jinbidel ukoll minn 'B' ghal 'Taranchino'.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-rikors tal-attur A B ta' nhar l-1 ta' Marzu 2016, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tawtorizzah jinnotifika lil konvenuta C B bir-rikors ġuramentat permezz tal-proċedura tal-pubblikazzjoni u dan stante li mhux magħruf fejn dina tirrisjedi,[2] liema talba ġiet akkolta permezz ta' digriet datat 3 ta' Marzu 2016.[3] Fil-fatt din il-publikazzjoni saret fil-gazzetti in kwistjoni u b'hekk il-konvenuta hija meqjusa li ġiet legalment notifikata bir-rikors ġuramentat, izda tinsab fi stat ta' kontumaċja in vista tal-fatt li ma pprezentat l-ebda risposta entro t-terminu stabbilit mil-liġi;

Rat id-digriet tat-3 ta' Marzu 2016 fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-attur A B sabiex jinħatru kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil minuri E B fil-proċeduri odjerni,[4] ċjoe' l-Avukat Dr Fransina Abela u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici;[5]

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li eċċepixxa:[6]

1. *Illi preliminarjament, l-esponent jirrileva illi għalinqas mid-dokumenti illi ġew notifikati lilu, d-dokumenti li ġew annessi mar-rikors promotur mhumiex immarkati bl-ittri hekk kif ir-rikorrent qiegħed jagħmel referenza għalihom fir-rikors promotur. Magħdud ma' dan, minkejja l-fatt illi d-dokumenti annessi mar-rikors promotur ma ġewx immarkati bl-ittri korrispondenti jista jagħti l-kaz illi hemm xi dokumenti nieqsin ukoll. Għaldaqstant mhuwiex ċar għal liema dokumenti r-rikorrent qiegħed jagħmel referenza għalihom fir-rikors promotur, u kwindi l-esponent bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qiegħed jirrizerva u jzomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u dan wara li r-rikorrent jindika liema huma d-dokumeni li qiegħed jagħmel referenza għalihom fir-rikors in risposta;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-Gspost, l-esponent jirrileva li din l-azzjoni hi intempestiva stante l-fatt li ladarba skorrew iktar minn sitt xhur mit-*

[2] Fol. 12.
[3] Fol. 20.
[4] Fol. 32.
[5] Fol. 33.
[6] Fol. 38 – 41.

*twelid tal-minuri E B, din l-azzjoni kellha tkun preċeduta minn rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ai termini tal-*Artikolu 73 *tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex, wara li din l-*Onorabbli Qorti *tkun semgħet il-*partijiet *interessati kollha u qieset id-*drittijiet *tar-*rikorrent *u tal-minuri E B, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti għal proċediment tal-*azzjoni *odjerna;*

3. *Illi bla ħsara għal premess u fil-*mertu, *l-esponent jeċċepixxi illi fl-*ewwel *lok trattasi minn kawza ta' denegata paternita' tirrikjedi lir-*rikorrent *sabiex jipprova u jissodisfa talanqas waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 70(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju, l-*esponent jirrileva li ikun idoneju illi din l-*Onorabbli Qorti jogħġobha tordna li jiġu mwettqa testijiet ġenetiċi fuq il-partijiet ikkonċernati ai termini tal-*Artikolu 70A *tal-*Kap 16 *tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex ma jkunx hemm ekwivoċi* dwar il-paternita' *tal-*fuq *riferita* minuri *E B, u liema rapport għandhom jkunu ġuramentati mit-*tekniku *li jkun wettaq l-imsemmija testijiet;*

5. *Illi bla ħsara, l-esponent jeċċepixxi illi fl-*istess waqt *ir-*rikorrent *jrid* ukoll *jegħleb il-prezunzjoni legali maħluqa bis-saħħa ta' l-*Artikolu 81 *tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinċentement juri li l-pussess ta' stat tal-*minuri *E B ma jaqbilx ma' l-*att *tat-*twelid *tagħha, li ġib in-*numru *progressiv ta' amest elef, tlett mija, disgħa u disgħin (5399) tas-sena elfejn u tnax (2012);*

6. *Illi mingħajr preġudizzju għal fuq espost, jekk jintlaqgħu* t-talbiet *tar-rikorrent, l-esponent xorat waħda jħoss li huwa fl-aħjar interess tal-*minuri *E B, illi jekk huwa magħruf jiġi zvelat l-*isem *ezatt tal-*missier *naturali tal-imsemmija minuri, ħalli b'hekk il-missier naturali rispettiv jkun jista' jiġi msejjaħ fil-*kawza *anke bl-applikazzjoni ta' l-*Artikolu 149 *tal-*Kap 16 *tal-Liġijiet ta' Malta. Di fatti huwa opportune u xieraq li l-*minuri *E B tal-inqas għandha tkun taf min huwa l-missier naturali tagħha;*

7. *Illi bla ħsara għas-*Gspost, *f'kaz li tintlaqa' l-eċċezzjoni numru sitta (6) surreferita, l-esponent jinvita lill-missier naturali tal-minuri E B sabiex, permezz ta' nota, jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament*

*(1) In-numru tal-karta tal-Identita', (2) Ismu u kunjomu, (3) L-eta' tiegħu meta twieldet il-minuri E B, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru, u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet l-imsemmija minuri. Tali informazzjoni hija meħtieġa sabiex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-fuq riferita minuri E B, bin-numru ta' reġistrazzjoni progressive ħamest elef, tlett mija, disgħa u disgħin (5399) tas-sena elfejn u tnax (2012);*

8. *Illi subordinatament, dejjem bla ħsara għal premess, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu u jispeċifikaw b'mod definittiv liema kunjom ħa tibda tassumi minuri E B a tenur tat-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

9. *Illi subordinatament u bla preġudizzju għas-Gspost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jirrileva illi din l-Onorabbli Qorti għandha ukoll jekk jogħġobha tordna li jiġu mneħħija l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem A B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm, mill-Att tat-Twelid tal-minuri E B, li jġib in-numru progressiv ta' ħamest elef, tlett mija, disgħa u disgħin (3599) tas-sena elfejn u tnax (2012);*

10. *Illi mingħajr ħsara għas-Gspost għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jistqarr illi mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-rizultanzi istruttorji u għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċjenti f'għajnejn il-liġi;*

11. *Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjez tal-kawza istanti;*

12. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi Deputati l-Avukat Dr Fransina Abela u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonniċi, fejn ġie eċċepit:[7]

1. *Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern;*
2. *Illi meta jkunu jafu l-fatti qeghdin jirrizervaw illi jissottomettu risposta ulterjuri.*

Rat l-Att tat-Twelid tal-minuri E B bin-numru progressiv 5399 tas-sena 2012;[8]

Rat l-Att tat-Twelid tal-minuri F G B bin-numru progressiv 3379 tas-sena 2006;[9]

Rat id-digriet ta' nhar id-9 ta' Frar 2017, fejn il-Qorti laqgħat it-talba kif dedotta fir-rikors tal-attur ta' nhar it-8 ta' Frar 2017 rigward l-awtorizzazzjoni ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili;[10]

Rat illi fl-udjenza ta' nhar il-25 ta' April 2017, u dan wara talba tal-attur, il-Qorti ordnat illi l-atti tar-rikors ġuramentat numru 10/2013 RGM fl-ismijiet A B vs C B nee D liema kawza għaddiet in ġudikat, jiġu allegati mal-atti tal-azzjoni odjerna;[11]

Rat ir-rikors tal-attur tas-6 ta' Ġunju 2017 fejn talab lil Qorti sabiex it-talbiet odejrni rigward *denegata paternita'* jiġu estizi ukoll fir-rigward tal-minuri F G B li hi ukoll bint il-konvenuta C B,[12] u rat ukoll id-digriet tal-31 ta' Ottubru 2018 fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-attur;[13]

Rat ix-xhieda ta' Joseph Antoncich in rapprezentanza tal-Aġenzija Appoġġ;[14]

Rat in-nota tal-attur tal-21 ta' Novembru 2018 li permezz tagħha ġie pprezentat kopja tar-rizultat tat-test ġenetiku li sar fuq il-minuri F B u l-attur A B, liema test ġenetiku ġie redatt minn Dr. Marisa B;[15]

Rat l-affidavit ta' Dr. Marisa B li ġie maħluf u pprezentat nhar is-26 ta' Novembru 2018, u li miegħu hemm anness ir-rapport tat-test ġenetiku minnha redatt fuq il-

[7] Fol.45.
[8] Fol. 5.
[9] Fol. 134.
[10] Fol. 60.
[11] Fol. 61 – 62.
[12] Fol. 90.
[13] Fol. 106.
[14] Fol. 73 – 81.
[15] Fol. 107 – 109.

minuri F B u A B, kif ukoll kopja tal-kuntratt rigward il-kura u kustodja tal-imsemmija minuri;[16]

Rat ir-rikors tal-attur tas-17 ta' Mejju 2019, fejn talab lil din il-Qorti tawtorizza l-korrezzjoni neċċessarja fir-rikors promotur sabiex b'hekk it-talbiet kif dedotti jkunu estizi ukoll għal minuri F G B,[17] liema talba ġiet akkolta permezz tad-digriet datat 24 ta' Ottubru 2019 fejn il-Qoti ordnat ukoll li r-risposta tad-Direttur konvenut għandha tkun estiza ukoll għal minuri F G B;[18]

Rat in-nota tal-attur ta' nhar il-11 ta' Frar 2020 li permezz tagħha ġie pprezentat kopja tar-rizultat tat-test ġenetiku li sar fuq iz-zewġ minuri E u Hailey B, liema testijiet ġenetiċi ġew redatti minn Dr. Marisa B;[19]

Rat l-affidavit ta' Dr. Marisa B li ġie maħluf u pprezentat nhar it-3 ta' Ġunju 2020, u li miegħu hemm anness iz-zewġ rapport tat-testijiet ġenetitiċi minnha redatti fuq iz-zewġ minuri F u E B;[20]

Rat id-digriet ta' nhar it-2 ta' Diċembru 2020, fejn il-Qorti laqgħat it-talba kif dedotta fir-rikors tal-attur ta' nhar l-1 ta' Diċembru 2020 rigward l-awtorizzazzjoni ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili sabiex jipprosegwi bil-kawza odjerna;[21]

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET:

1. *L-Azzjoni Odjerna:*

Il-Qorti għandha quddiemha talba ntavolata mir-rikorrent għaċ-ċaħda tal-paternita' tiegħu versu l-minuri F G u E, aħwa B. Ir-rikorrent jikkontendi li zzewweġ lil C B nhar it-23 ta' Mejju 1996. Madanakollu huwa jkompli jirrileva

[16] Fol. 110 – 120.
[17] Fol. 128.
[18] Fol. 137.
[19] Fol. 142 – 146.
[20] Fol. 148 – 153.
[21] Fol. 158.

fir-rikors ġuramentat tiegħu illi l-partijiet kienu sseparaw minn xulxin *de facto* għal aktar minn sbatax-il (17) sena, tant li fil-prezent huma jinsabu divorzjati minn xulxin u dan kif jista' jiġi kkorrabborat permezz tal-atti tal-proċeduri tad-divorzju bin-numru 10/2013 RGM li ġew allegati mal-atti tal-kawza odjerna.

Fir-rikors ġuramentat tiegħu, l-attur ikompli jikkontendi illi wara li hu u C B sseparaw *de facto* għal ħabta tas-sena 1999, l-konvenuta kellha zewġt itfal u ċjoe' F G u E, li twieldu fis-sena 2006 u 2012, rispettivament. Dawn iz-zewġ minuri twieldu waqt li l-partijiet kienu għadhom legalment mizzewġin, izda l-attur jinnega li dawn huma l-ulied naturali u bijoloġiċi tiegħu. Sabiex jikkonstata dan u matul il-mori tal-kawza, l-attur ipprezenta zewġ (2) rapporti ta' testijiet ġenetiċi li jikkonkludu li l-minuri F u E ma humiex l-ulied naturali u bijoliġiċi tiegħu.

Fid-dawl tal-premess, permezz tal-azzjoni odjerna, l-attur A B qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li huwa mhux il-missier naturali tal-imsemmija zewġ (2) minuri u konsegwentament tgħaddi sabiex tawtorizza l-korrezzjonijiet neċesssarji fl-Atti tat-Twelid tagħhom billi l-konnotati tar-rikorrenti jiġu kkanċellati minn fuq l-istess Atti tat-Twelid. L-attur talab ukoll sabiex il-kunjom tal-minuri F u E jinbidel minn *'B'* għal *'D'*, u ċjoe' kunjom xbubit l-omm.

2. *Il-Prinċipji Legali:*

In tema legali jingħad illi l-Artikolu 70 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li fuqu hija bbazata din il-kawza jipprovdi illi r-raġel jista' jiċħad li jagħraf it-tifel imnissel matul iz-zwieġ:

*"(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tal-wild, hu kien fl-impossibbiltà fiżika li jgħammar mal-konjuġi li wiled minħabba li kien 'il bogħod mill-imsemmi konjuġi, jew minħabba xi aċċident ieħor; jew*

*(b) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment separat mill-konjuġi li wiled: Iżda ma jistax jiċħad lill-wild jekk matul dak iż-żmien ikun reġa' ngħaqad mal-konjuġi tiegħu, ukoll jekk temporanjament; jew*

*(ċ) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet waħda fit-tnissil; jew*

*(d) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-konjuġi li wiled kien għamel adulterju jew kien ħeba t-tqala u t-twelid tal-wild; jew*

*(e) jekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll jirriżulta minn testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu li l-konjuġi huwa l-ġenitur".*

Artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili, surreferit, għandu jinqara konteswalment ma' Artikolu 73 tal-istess Kodiċi li jelenka l-perjodu li fih dak il-konjuġi jista' jipprosegwi sabiex jagħmel azzjoni ta' *denegata paternita'*, u ċjoe:

*"(a) fi żmien sitt xhur mit-twelid, jekk il-konjuġi f'dak iż-żmien kien jinsab f'Malta;*

*(b) fi żmien sitt xhur minn dakinhar li jiġi lura f'Malta, jekk fiż-żmien tat-twelid il-konjuġi kien nieqes minn Malta;*

*(ċ) fi żmien sitt xhur minn dakinhar li jikxef il-qerq, jekkit-twelid kien ġie lilu moħbi".*

Madanakollu, f'kaz li dak il-konjuġi li ma jkunx ipprosegwa bl-azzjoni ta' *denegata paternita'* entro zmien stipulat, ai termini tal-*proviso* tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili, dak il-konjuġi għandu l-fakolta' li jipprezenta rikors quddiem il-Qorti kompetenti fejn jitlobha l-awtorizzazzjoni meħtieġa sabiex ikun jista' jipprosegwi bil-kawza. Dik il-Qorti kkonċernata, jekk ikun possibbli, għandha tisma' lil partijiet interessati u konsegwentament tgħaddi sabiex tqis id-drittijiet tal-applikant u l-wild. Wara li jsir dan l-ezerċizzju, l-Qorti għandha d-diskrezzjoni li tagħti l-awtorizzazzjoni tagħha sabiex dak il-konjuġi jkun jista' jintavola l-azzjoni ta' *denegata paternita'*.

Dak il-konjuġi li jkollu interess jintavola azzjoni ta' *denegata paternita'*, konsegwentament għandu, abbazi tal-Artikolu 75 subinċiz 1 tal-Kodiċi Ċivili, jimxi legalment kontra: *"(a) kontra t-tifel jekk ikun tal-età; jew (b) jekk ma jkunx tal-età jew għal raġuni oħra ma jkunx tajjeb biex joqgħod f'kawża, kontra kuratur maħtur mill-qorti li quddiemha tinġieb il-kawża: Iżda l-qorti tista' taħtar it-tutur li t-tifel ġa jkollu"*. Madanakollu, subinċiz 2 tal-istess artikolu tal-liġi, jkompli jgħid illi f'kull każ, il-konjuġi l-ieħor għandu jiġi msejjaħ fil-kawża.

F'tali azzjoni, ma jistgħax jonqos li ssir referenza għall-Artikolu 70A sbinċiz 1 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi:

*"Meta tkun meħtieġa <u>l-kjarifika tal-parentela naturali</u> tal-wild: (a) il-konjuġi jista' jeħtieġ lill-konjuġi li willed u lill-wild; (b) il-konjuġi li wiled jista' jeħtieġ lill-konjuġi u lill-wild; (ċ) il-wild jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u (d) l-allegat ġenitur naturali jista' jeħtieġ liż-żewġ konjuġiu lill-wild, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti."*

3. *L-Azzjoni Odejrna b'Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali:*

It-talba tal-attur A B hekk imsejsa fuq l-Artikolu 70 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, hija azzjoni fejn l-attur qiegħed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni ġudizzjali ta' *denagata paternita'*, ċjoe' li l-minuri F u E, aħwa B, ma humiex wliedu hekk kif ġie mnizzel fl-Atti tat-Twelid rispettivi tagħhom, izda huma l-ulied ta' terza persuna.

Għal tali talba, l-konvenuta C B, minkejja li ġiet notifikata bil-proċedura tal-publikazzjoni ai termini tal-Artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-indirizz tagħha ma kienx magħruf, hija xorta waħda ma weġbitx entro t-terminu ta' għoxrin (20) jum. Min-naħa l-oħra, l-kuraturi deputati maħtura sabiex jirrapprezentaw lil minuri *ad litem*, wieġbu permezz ta' risposta konċizissima fejn irrilevaw li ma humiex edotti mill-fatti u dan minkejja li kellhom għoxrin (20) jum sabiex jippruvaw jagħmlu tentattiv sabiex jottjenu xi informazzjoni dwar l-minuri in kwistjoni, liema informazzjoni setgħet tassitihom sabiex iwieġbu f'iktar dettall sabiex jissalvagwardjaw l-interessi supremi tal-minuri.

Min-naħa l-oħra, l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, fir-risposta ġuramentata tiegħu jeċċepixxi numru ta' eċċezzjonijiet. Fir-rigward tal-ewwel (1) eċċezzjoni, fejn ingħad illi d-dokumenti annessi mar-rikors promotur ma humiex immarkati bl-ittri hekk kif ir-rikorrent jagħmel referenza għalihom fir-rikors tiegħu u li hemm ukoll xi dokumenti neqsin, il-Qorti tevalwa li huwa minnu dak li eċċepixxa d-Direttur konvenut. Fil-fatt ir-rikorrent jirreferi għall-Att taz-Zwieġ tiegħu mal-konvenuta u kif ukoll għall-Att tat-Twelid ta' E B bħala *'Dok. A'*, filwaqt li mid-dokumenti annessi jidher li kien biss l-Att tat-Twelid ta' E B li ġie mmarkat bħala *'Dok. A'*, filwaqt li l-Att taz-Zwieġ lanqas biss ġie anness u dan minkejja li ssir referenza għalih u addiritura mmarkat. Minkejja tali nuqqas, il-Qorti hija moralment konvinta li dan kien zball ġenwin da parti l-konvenut, liema nuqqas ma għandux jaffettwa l-ġudizzju ta din il-Qorti rigward il-paternita' taz-

zewġ minuri in vista tal-fatt li l-Att taz-Zwieġ tal-partijiet huwa ančillari għall-Att tat-Twelid tal-minuri u r-rizultat tal-testijiet ġenetiċi li fuqhom tibbaza ruħha din il-Qorti f'azzjonijiet ta' din in-natura. Għaldaqstant, ma hemmx lok li l-Qorti tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni.

Il-Qorti tevalwa ukoll illi t-tieni (2) eċċezzjoni tad-Direttur konvenut rigward l-intempestivita' tal-azzjoni ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ġiet ukoll sorvolata. Il-Qorti rat illi l-attur ipprezenta rikors nhar it-8 ta' Frar 2017 u rikors ieħor nhar l-1 ta' Diċembru 2020, fejn talab l-awtorizzazzjoni neċessarja ai termini tal-ewwel proviso tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili sabiex jipprosegwi bil-kawza odjerna stante li ma ottemporax ruħu mat-terminu stabbilit fl-istess disposizzjoni tal-liġi. Il-Qorti laqgħat it-talbiet kif dedotti fl-imsemmija rikorsi permezz tad-digrieti datati 9 ta' Frar 2017 u 2 ta' Diċembru 2020, rispettivament.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz odjern, il-Qorti rat iz-zewġ affidavits ta' Dr Marisa B ipprezentati u debitament maħlufa fis-26 ta' Novembru 2018 u t-3 ta' Ġunju 2020 rispettivament, fejn ikkonfermat illi wara li ġabret kampjun orali ta' l-attur u l-minuri, irrizulta illi A B, detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija 0163875M, ma huwiex il-missier naturali ta' F B u E B.[22] Għaldaqstant dan jikkonferma illi it-tielet (3) u r-raba' (4) eċċezzjonijiet tad-Direttur konvenut ġew sorvolati wkoll.

Illi kif dejjem irritjeniet il-Qorti f'kawżi ta' din in-natura, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra. Barra minn hekk, il-ġiurispreudenza nostrana f'kawzi ta' din ix-xorta dejjem irritenew illi *"Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 70 fuq citat tirnexxi jehtieg illi jigu sodisfatti is-segwenti tlett rekwiziti: 1. L-azzjoni promossa mir-ragel tigi istitwita kontra (a) il-mara tieghu (b) u l-wild taghha jew kuratur nominat. 2. Fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jinkixef il-qerq. 3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel."* (ara s-sentenza fl-ismijiet **Simon Agius vs Jacqueline Agius pro et noe**, deċiza nhar il-20 ta' Marzu 2013 mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja, u **Bogdan Tomenchuk vs C Tomechuk et**, deċiza nhar it-12 ta' Diċembru 2019 mill-Qorti tal-Familja, Sezzjoni Familja). Applikati dawk ir-rekwiziti għal kawza odjerna, huwa stat ta' fatt li t-tlett rekwiziti ġew kollha sodisfatti. Għaldaqstant ma jezisti l-ebda dubju li l-attur A B ma huwiex il-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri F u E B. In vista ta' dan,

[22] Fol. 110 – 120, 148 – 153.

il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' l-ewwel u t-tieni talba tal-attur.

B'referenza għall-ħames (5) eċċezzjoni tad-Direttur konvenut li titkellem dwar il-pussess ta' stat tal-minuri F u E ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jingħad illi *"huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipproteġi l-istat ta' legittima tal-persuna, la darba din twieldet fiz-zwieg, u la darba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta' socjali bhala iben l-istess konjugi"*.[23] Din il-Qorti tirrileva illi l-azzjoni ta' *denagata paternita'* ittentata mill-attur hija waħda minn ħames (5) azzjonijiet permessibbli skont il-liġi u ċjoe' sabiex tiġi attakkata l-paternita' tal-ulied, liema azzjonijiet huma s-segwenti:

(i) Ai termini tal-Artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-konjuġi li ma wellidx,
(ii) Ai termini tal-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni tista' ssir minn min ikollu interess,
(iii) Ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-allegat missier,
(iv) Ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-omm, u
(v) Ai termini tal-Artikolu 84 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-iben innifsu.

A kuntrarju tal-azzjonijiet elenkati f'Artikoli 77 u 77A, dawk l-azzjonijiet imsemmija f'Artikoli 70, 77B u 84 tal-Kodiċi Ċivili, ma humiex subordinati għall-Artikolu 81 li jitratta l-kwistjoni tal-pussess ta' stat. Għaldaqstant, mingħajr ma din il-Qorti tidħol fil-mertu tal-presunzjoni legali tal-pussess ta' stat maħluqa permezz tal-Artikolu 81 tal-Kodiċi Ċivili u r-relevanza tal-istess fil-prezent, din il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-azzjoni odjerna hija bbazata fuq Artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili, liema artikolu tal-liġi ma huwiex subordinat għall-Artikolu 81, ma hemmx l-obbligu u n-neċċessita' li l-Qorti tevalwa u tikkumenta dwar tali kwistjoni. Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, il-Qorti tiċħad il-ħames (5) eċċezzjoni tad-Direttur konvenut.

Sussegwentament għall-premess, il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, tramite is-sitt (6) eċċezzjoni, issottometta li ikun fl-aħjar interessi tal-minuri illi

[23] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Carmel sive Charles Gauci vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et**, deċiza nhar it-30 ta' Ġunju 2004.

jiġi zvelat min hu missierhom naturali u bijoloġiku tagħhom ħalli b'hekk ikun jista' jiġi kjamat fil-kawza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili l-Qorti tkun tista' tiddikjara bħala tali wara li jiġi pruvat permezz ta' testijiet ġenetiċi illi huwa verament il-missier naturali. L-imsemmi Artikolu 149 jistipula: "*B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici, il-Qorti tista' jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjeta` ta' persuna li tkun taħt l-eta` kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel*".

Hekk kif ġie rilevat iktar 'il fuq, il-liġi tippermetti ħames (5) azzjonijiet differenti sabiex tiġi attakkata l-paternita' ta' persuna u għal dak li jikkonċerna zewġ l-omm, l-unika azzjoni spettanti lilu hija dik ta' *denegata paternita'* ai termini tal-Artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu tal-liġi għandu jinqara kontestwalment ma' Artikolu 75 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jaqra *"(1) L-azzjoni sabiex tinċaħad il-paternità għandha titmexxa - (a) kontra t-tifel jekk ikun tal-età; jew (b) jekk ma jkunx tal-età jew għal raġuni oħra ma jkunx tajjeb biex joqgħod f'kawża, kontra kuratur maħtur mill-qorti li quddiemha tinġieb il-kawża: Iżda l-qorti tista' taħtar it-tutur li t-tifel ġa jkollu. (2) F'kull każ, il-konjuġi l-ieħor għandu jiġi msejjaħ fil-kawża".* Għaldaqstant huwa l-leġizlatur stess li ddetermina kif zewġ l-omm għandu jipprosegwi bl-azzjoni ta' *denegata paternita'* u dan mingħajr ma jimxi bl-azzjoni kontra l-allegat missier.

Naturalment dan jemanixxi mill-fatt illi fil-maġġor parti tal-kazijiet, zewġ l-omm ma jkunx jaf min huwa l-missier veru, naturali u bijoloġiku tal-persuna li tagħha/tiegħu għandha tiġi attakkata l-paternita' għaliex di norma relazzjoni extra-maritali ssir minn wara dahar il-konjuġi l-ieħor jew a skapitu tiegħu peress li jkunu ilhom mifrudin *de facto* jew *de jure* minn xulxin għal numru ta' zmien. Għaldaqstant l-interess ta' zewġ l-omm huwa limitat biss li jattakka l-paternita' tal-minuri sabiex b'hekk l-Att tat-Twelid tal-istess minuri jiġi korrett u konsegwentament b'mod awtomatiku zewġ l-omm jiġi dizonerat mill-obbligi, responsabbiltajiet u dmirijiet versu l-minuri. A kuntrarju ta' dan, l-interess li jiġi ddikjarat il-missier naturali u bijoloġiku ta' persuna jinsab fl-allegat missier innifsu, l-omm u kif ukoll fil-persuna li tiegħu/tagħha għandha tiġi attakkata l-paternita'. Fil-fatt jekk wieħed iqabbel id-diċitura tal-liġi nnifisha, wieħed jista' jevalwa illi a kuntrarju tal-Artikolu 70, il-leġizlatur f'Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, b'mod speċifiku jirrikjedi li l-azzjoni mibdija mill-omm għandha ta' bilfors titmexxa ukoll kontra l-allegat missier.

Minkejja li fix-xhieda tal-21 ta' Novembru 2017, is-Sur Joseph Antoncich in rapprezentanza tal-Aġenzija Appoġġ, iddikjara li meta kienet tkellmet magħhom il-konvenuta C B din kienet qaltilhom li l-missier naturali tal-minuri huwa ċertu Dimitrius Catania, il-Qorti xorta tinsab b'idejha marbuta rigward il-kwistjoni tal-missier naturali f'azzjoni ta' *denegata paternita'* abbazi tal-Artikolu 70 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. L-uniku metodu kif il-Qorti f'azzjoni ta' din in-natura tkun tista' tidħol fil-mertu dwar l-identita' tal-missier naturali tal-minuri huwa f'kaz li l-omm tuzufruwixxi ruħha mir-rimedju tal-kontro-talba.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti ma tistgħax tilqa' is-sitt (6) u konsegwentament is-seba' (7) talba tad-Direttur konvenut stante li fl-ewwel lok l-oġġezzjoni tad-Direttur hija ta' natura eċċezzjonali u mhux talba *per se*; fit-tieni lok il-Qorti ma tistax toħroġ mill-parametri tat-talba kif kontenuta fir-rikors ġuramentat; fit-tielet lok l-Artikolu 149 iċċitat ma japplikax għall-kawżi ta' filjazzjoni, u fir-raba' lok għaliex il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandux l-interess ġuridiku li jitlob dan. Il-Qorti tinsab perswaza li dawn l-eċċezzjonijiet tad-Direttur konvenut ġew sollevati solament f'ġieħ l-interess suprem tal-minuri u dan minkejja li m'għandu l-ebda obbligu sanċit fil-liġi sabiex jagħmel dan. Jekk xejn, il-Qorti kienet tistenna illi *se mai* tali kwistjoni kienet tintalab jew tiġi sollevata mill-kuraturi deputati li qegħdin jirrapprezentaw lil minuri bl-intiza li joffrulhom l-aħjar rapprezentanza in vista tal-fatt li ma humiex kapaċi joqgħodu huma għal kawza u jipproteġu d-drittijiet tagħhom.

Fl-aħħar lok u referibbilment għall-kunjom tal-minuri, b'referenza għat-talba tal-attur u kif ukoll it-tmien (8) eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, din il-Qorti tirrileva illi mill-atti tal-kawza odjerna jidher li minkejja li l-partijiet huma divorzjati minn xulxin, jidher li fil-proċeduri ta' divorzju ma saret l-ebda talba appozita ai termini tal-Artikoli 66L subinċiz (4)(b) tal-Kodiċi Ċivili sabiex C B tirriverti għal kunjom xbubitha u ċjoe' *'D'*. Artikolu 66L subinċiz (4)(b) jistipula illi għal proċeduri ta' divorzju għandu japplika Artikolu 62 *mutatis mutandis*, fejn f'subinċiz 1 jingħad illi f'kaz ta' separazzjomi ġudizzjarja l-mara għandha tagħmel dikjarazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha qabel is-sentenza, filwaqt li subinċiz 2 jgħid illi r-ragel jista' f'kull zmien qabel is-sentenza jagħmel talba fejn jipprojbixxi lill-mara milli tkompli tuza kunjomu wara s-separazzjoni meta tali uzu jista'jkun ta' preġudizzju gravi għalih stess. Għaldaqstant in vista tal-fatt li fil-proċeduri ta' divorzju, la l-attur u wisq anqas l-konvenuta ma għamlu talba sabiex il-konvenuta tirriverti għal kunjom xbubitha, huwa stat ta' fatt illi l-konvenuta, legalment għadha tuza l-kunjom *'B'* u mhux dak ta' xbubitha *'D'*.

F'dan ir-rigward, il-kuraturi deputati in rapprezentanza tal-minuri ma pprovdew l-ebda preferenza u dan fid-dawl taċ-ċirkostanzi odjerni.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tagħmel referenza għas-subinċiz 8 tal-Artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula: "*Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-tieni proviso tal-artikolu 73, jekk fis-sentenza tagħha l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tiddikjara illi konjuġi mhuwiex ġenitur naturali tal-wild, din għandha jkollha l-effett li tibdel il-kunjom tal-wild u tad-dixxendenti tiegħu sabiex jirrifletti dak il-kunjom tal-konjuġi l-ieħor biss, salv jekk il-Qorti wara li tkun qieset iċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, tipprovdi mod ieħor fl-istess sentenza".* Għaldaqstant il-Qorti għandha l-fakolta' li wara li tqis iċ-ċirkostanzi tevalwa dak li ikun fl-aħjar interess tal-minuri.

Tenut kont taċ-ċirkostanzi odjerni, il-Qorti tinsab moralment konvinta li l-kunjom tal-minuri ma għandux jinbidel izda għandu jibqa' *'B'*. In primis dan għaliex hekk kif ġie stabbilit iktar 'il fuq, il-kunjom legali tal-konvenuta huwa dak ta' *'B'* u mhux *'D'*. Magħdud ma' dan, il-Qorti tevalwa ukoll li z-zewġ minuri ma għandhomx kuntatt mal-omm tant li F tinsab taħt il-kura u kustodja taz-zijiet materni tagħha, filwaqt li E tinsab *fostered*, u għaldaqstant il-probabbilita' hija li l-minuri lanqas biss għandhom idea ta' kunjom xbubit ommhom u l-kunjom *'B'* huwa dak il-kunjom li dejjem assoċċjaw rwieħhom miegħu u sawrilhom l-identita'. Għaldaqstant tenut kont tal-fatt li F llum għandha erbgħatax-il (14) sena u E għandha tmien (8) snin, u b'hekk m'għadhomx tfal zgħar izda bdew jiffurmaw il-ħajja u l-gruppi soċjali tagħhom, il-Qorti tinsab konvinta li f'dan l-istadju bidla fil-kunjom taf tkompli tikkawza iktar turbolanzi f'ħajjithom. Minn dak li ġie rapportat lil Qorti mis-Sur Joseph Antoncich in rapprezentanza tal-Aġenzija Appoġġ, il-minuri sfaw vittmi sa minn eta' ferm bikrija u b'hekk il-Qorti għandha l-obbligu li tipprova tipproteġihom mill-aħjar li tista'. Il-Qorti tifhem it-talba tal-attur, madanakollu ma tħossx li tali talba' għandha tiġi akkolta u dan abbazi ta' prinċipju għaliex ma humiex l-ulied naturali u bijoloġiċi tiegħu, meta fil-verita' fin-nofs ta' din il-kawza tinsab il-ħajja ta' zewġ minuri li għandha tiġi salvagwardjata sabiex tiġi minimalizzata l-probabbli ħsara li tista' ssirilhom kieku ssir tali bidla fl-identita' tagħhom.

**DEĊIDE:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u tal-Kuraturi Deputati, u tipprovdi hekk kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara illi A B, detentur tal-karta tal-identita' XX, ma huwiex il-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri F G u E, aħwa B;

2. Tilqa' it-tieni talba tal-attur u tawtorizza l-korrezzjoni neċċessarja fl-Att tat-Twelid ta' F G B li jġib in-numru progressiv ta' 3379 tas-sena 2006 u kif ukoll fl-Att tat-Twelid ta' E B li jġib in-numru progressiv 5399 tas-sena 2012 u konsegwentament tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jeffettwa dawk il-korrezzjonijiet neċċessarji fl-Atti tat-Twelid surreferiti u dan billi jikkanċella l-konnotati ta' A B u minnflok il-minuri għandhom jiġu indikati bħala wlied missier mhux magħruf;

3. Tiċħad it-tielet talba u tordna li l-minuri għandhom jibqgħu magħrufa bil-kunjom *'B'*.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza għandhom ikunu sapportati mill-konvenuta C B.